Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (Eur Law)

Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Alfred Mallia)

vs

Carmel Formosa

Illum 26 ta' Lulju, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Carmel Formosa, iben George u Grace nee' Camilleri, imwieled fl-14 ta' Dicembru, 1960 u dententur tal-karta tal-identita numru 805660M, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli gewwa M'Scala fis-26 ta' Novembru, 1999 u fl-

erba' snin ta' qabel bhala l-proprjetarju jew konsumatur tal-fond 57, Triq il-Blajjiet, M'Scala, u bhala l-persuna responsabbli ghall-meter tal-elettriku fl-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar tal-meter, tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmija u b'hekk ikkommetta serq ta' dawl elettriku ta' aktar minn LM100 izda anqas minn LM1,000 ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin ai termine tal-artikoli 261, 263, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess cirkostanzi ghamel hsara volontarja fl-istess meter tad-dawl ghad-dannu ta' l-istess Korporazzjoni liema hsara tammonta ghas-somma ta' sitt liri Maltin (LM6.00.0), bi ksur tal-artikolu 326(f) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 533 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-hlas tal-ispejjez peritali;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dana waqt is-seduta tat-3 ta' Lulju, 2002.

Ikkunsidrat il-fatt illi l-Qorti wissiet lill-imputat diversi drabi illi huwa ma kienx obbligat illi jirregistra ammissjoni fl-assenza tal-Avukat difensur tieghu u spjegatlu dan il-fatt ghal diversi drabi. Madanakollu l-imputat baqa jinsisti illi irid jirregistra ammissjoni. Wara li l-Qorti kienet sodisfatta li huwa fehem id-drittijiet tieghu, kif ukoll li huwa fehem ukoll il-portata tar-reati illi bihom huwa gie akkuzat il-Qorti accettat l-ammissjoni tal-imputat.

Taqta u tiddeciedi illi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu il-Qorti issib lill-istess imputat <u>hati</u> ta' dawn l-imputazzjonijiet u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261 (b) (c) u (f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 281, 283, 326(1)(f) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-finijiet ta' piena l-fatt illi skond kif iddikjara l-Ufficjal Prosekutur l-imputat ikkopera hafna mieghu mill-

bidu nett tal-investigazzjoni.  Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputat qieghed ihallas l-ammont dovut minnu lill-Korporazzjoni EneMalta. Ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut u tara illi jkun ferm aktar ta’ beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta’ in generali illi l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba.  Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 filwaqt illi tillibera lill-imputat taghmel dan bil-kundizzjoni huwa li ma jaghmel l-ebda reat iehor ghall-perjodu ta’ tlett snin mil-lum.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 11 tal-Kap. 152 u tordna lill-hati biex ihallas l-ammont kollu dovut minnu lill-Korporazzjoni EneMalta, fi zmien tlett xhur millum.

Il-Qorti tordna wkoll lill-hati sabiex fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat biex jaghmel mir-Registratur tal-Qorti jhallas l-ispejjez kollha li kellhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti f’dan il-kaz.

Il-Qorti tiddikjara finalment ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car illi jekk jaghmel reat iehor matul il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni jkun jista jigi ikkundannat ghar-reat originali.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur